# IL-QASSIS

*Lil Ħabibi Dun Francis Camilleri,*
*(f'jum l-Ewwel Quddiesa Tiegħu—29/viii/'43)*

Is-sliem għalik. Il-lum b'kelmtek setgħana
dak li l-bieraħ kien sbul u għeneb bnin
sar il-ġisem u d-demm ta' Kristu tagħna
b'seħħ il-għaġeb mitmum mill-qassisin.

Is-sliem għalik. Il-lum, magħżul mis-Sema,
int sfajt ir-Ragħaj it-Twajjeb ta' l-erwieħ:
tħallix fuqhom is-sħab tal-mewt jinġema';
tħallix id-dlam igħajbilhom triq il-ġieh.

Is-sliem għalik. Il-lum il-poeżija
ta' qalbek trabbi ġwienaħ ġodda u ttir
safja lejn Alla, 'il fuq, 'il fuq mill-bqija,
b'sejħa mħeġġa għall-ħelsien taż-żgħir u r-rsir.

Tħallix tmut fik għanjet tfulitek kmieni:
kun Francis Thompson u t'Assisi t-tieni.

K. Vassallo

21/9/'43